# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 26

Data tal-laqgħa: 27 ta' Ottubru, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020 fit-3.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fit-3.00p.m. billi ntqalet it-talba.

**26/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**26/01/01** Ma kienx hemm.

**26/02** **Armar b'dawl dekorattiv f'Ħal Għargħur**

**26/02/01** Is-Sur Abraham Aquilina qal li fuq din is-sitwazzjoni li nqalgħet, il-kunċett ta' armar b'dawl dekorattiv tal-Festa u armar b'dawl dekorattiv tal-Milied huma differenti. Kull sena l-Kunsill kien jagħti dan is-servizz lis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew. L-ammont ta' toroq jew l-ammont ta' xogħol ma għandux jittieħed minn individwu wieħed jew Għaqda waħda. Din il-ħaġa fil-festa ma setgħetx issir għax kellna triq waħda biss u l-pjazza. Huwa spjega li peress li fil-Milied narmaw iktar toroq ix-xogħol jista' jinqasam. Jekk ħa toħroġ sejħa għall-offerti l-ebda għaqda fil-Għargħur ma' tista' tikkompeti mal-privat. Is-Sur Abraham Aquilina iddikjara kunflitt ta' interess u għaldaqstant talab il-permess biex joħroġ mis-seduta. Is-Sindku qalet li taqbel ma' dak li qal is-Sur Abraham Aquilina imma bil-liġi l-Kunsill irid jikseb 3 kwotazzjonijiet. Is-Sur Christopher Fenech talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tispjega x'tgħid il-liġi fuq *direct order*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li meta l-valur stmat ma jaqbiżx il-ħamest elef ewro (€5,000), il-provvisti, ix-xogħlijiet jew is-servizzi jistgħu jiġu akkwistati dipartimentalment jew wara li jinkisbu minimu ta' tliet kwotazzjonijiet jew wara l-pubblikazzjoni fil-pjattaforma tal-gvern dwar l-akkwist elettroniku jew

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

permezz ta' kuntratt dirett skont id-diskrezzjoni tal-Kap tal-Awtorità, filwaqt li jitqies l-ammont involut, l-urġenza mal-akkwist jew mar-restrizzjonijiet tal-għażla u d-disponibbiltà. Is-Sur Carl Grech qal li fil-każ tagħna ma għandniex naqbżu l-ħamest elef ewro. Is-Sindku qalet li r-Reġjun Tramuntana se jipprovdi €1000. Is-Sur Christopher Fenech saqsa jekk aħniex ċerti li ser nieħdu l-€1000 mir-Reġjun Tramuntana. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa issa ma rċevejna xejn fuq dan is-suġġett. Is-Sindku ssuġġeriet li b'dawn €1000 jsir armar b'dawl dekorattiv fi Triq Caravaggio jew fix-Xwieki *Housing Estate*. Is-Sur Carl Grech spjega li għandu jkollna *policy* ċara bħalma għandna għal permessi li huma ODZ. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għandha tkun ċara li kemm għal armar b'dawl dekorattiv tal-Festa u armar b'dawl dekorattiv tal-Milied il-Kunsill jikseb minimu ta' tliet kwotazzjonijiet. Is-Sur Christopher Fenech staqsa jekk bħala Soċjetà Filarmonika San Bartilmew jistgħux jibqgħu jarmaw it-toroq tas-soltu u għal bqija tat-toroq niġbru tliet kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irid joħroġ lista tat-toroq li ħa jarma b'dawl dekorattiv u jiġbor il-kwotazzjonijiet. Is-Sur Christopher Fenech qal li hu ħareġ b'dan is-suġġeriment biex jgħin lis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew. Is-Sur Carl Grech qal li ma għandniex għażla u li rridu nimxu mal-liġi. Is-Sindku qalet li aħna bħala Kunsill nixtiequ ngħinu lis-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew. Is-Sur Carl Grech qal li rridu nagħmluha ċara li l-Għaqdiet huma importanti għalina. Is-Sur Christopher Fenech spjega li għandna nimxu mal-liġi. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li għandna ngħidu liema huma t-toroq li ser jiġu armati b'dawl dekorattiv ħalli l-affarijiet ikunu ċari. Is-Sur Christopher Fenech qal li madwar sena ilu kienet ħarġet li l-Kunsill jista' jgħin lill-Għaqdiet. Is-Segretarju Eżekuttiv għamlitha ċara li l-Kunsill jista' jgħin lill-għaqdiet imma ma jistax jagħti donazzjonijiet. Is-Sur Christopher Fenech għal li mil-lum 'il quddiem kull meta niġu bżonn servizz ta' armar b'dawl dekorattiv u servizzi oħra bħal dawl u *sound* waqt attivitajiet eċċ għandna nimxu b'dan il-mod u niġbru tliet kwotazzjonijiet. Is-Sur Christopher Fenech qal li ġej żmien il-Milied u tkun idea tajba li nerġgħu naħsbu fl-anzjani tagħna u bl-għajnuna tas- Soċjetà Filarmonika San Bartilmew nqassmu xi ħelu tal-Milied bħalma għamilna fuq suġġeriment tas-Sindku f'Mejju li għadda. Kien hemm qbil unanimu. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-lista ta' toroq li ser jiġu armati b'dawl dekorattiv tal-Milied dawn huma: Triq San Ġwann minn tarf sa ieħor (disinni u fustuni); Triq San Bartilmew (mill-*Club* tal-*Football* sa Misraħ il-Knisja) (disinni); Misraħ il-Knisja u d-dawra tal-Knisja nkluż Triq id-Dejqa u Triq il-Wiesgħa (disinni u fustuni); Triq Karmnu Żarb (disinni u fustuni); Triq Stiefnu Żerafa mill-*Landmark* sar-*roundabout* (disinni u fustuni); Siġra b'dawl dekorattiv li qegħda faċċata tal-*Landmark Stationery* wara l-ħanut tal-*Golden Chick;* Triq San Nikola minn Misraħ il-Knisja sal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali (fustuni); Il-*Christmas Tree* li l-Kunsill jagħmel f'Misraħ il-Knisja u stilla għal fuqha; *Fairy lights* fi Ġnien Żagħruna fuq ġewwa minn arblu sa arblu kif ukoll b'disinni (stilel); *Fairy lights* fi Ġnien il-Paċi fuq ġewwa minn arblu sa arblu (minn Triq San Ġwann sa Triq San Nikola li tagħti għall-kappella ta' San Nikola) kif ukoll b'disinni (stilel); Binja tal-Kunsill Lokali bil-kliem b'dawl dekorattiv : Il-Milied u s-Sena Tajba u bid-dawl nieżel l-isfel qisu *snow*. Kien hemm qbil unanimu.

**26/03** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**26/03/01** Il-laqgħa spiċċat fl-3:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2020 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Helene Gauci** | **Maria Tanti** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |